# SIEĦBI MIN HU?

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb tad-Dewteronomju**
**Dewt 30, 10-14**

Mose' kellem lill-poplu u qal: "Isma' leħen il-Mulej Alla tiegħek, biex tagħmel l-ordnijiet u d-digrieti miktuba fil-ktieb ta' din il-Liġi, u, terġa' lura għand il-Mulej Alla tiegħek b'qalbek kollha u b'ruħek kollha.
Għax dan l-ordni li qiegħed nagħtik illum mhuwiex xi ħaġa iebsa għalik jew li ma tistax tilħaqha. Mhuwiex ordni li qiegħed fis-sema, biex tgħid, 'Min se jitilgħalna fis-sema u jġibhulna, ħalli nagħtu widen għalih u nobduh?' Anqas ma hu ordni 'l hemm mill-baħar, biex tgħid 'Min se jmurilna 'l hemm mill-baħar u jġibulna, ħalli nagħtu widen għalih u nobduh?' Għax il-kelma hi qrib tiegħek ħafna, tinsab fuq fommok u f'qalbek biex tobdiha.''

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 68**
**Qalbkom tgħix, intom li tfittxu lil Alla.**

Jiena t-talba tiegħi lejk nerfagħha
f'ħin tajjeb, Mulej.
Fil-kobor ta' tjubitek weġibni, o Alla,
fis-sewwa tas-salvazzjoni tiegħek.
Weġibni, Mulej, għax tjubitek mill-aħjar,
fil-kobor tal-ħniena tiegħek dur lejja.

**R/. Qalbkom tgħix, intom li tfittxu lil Alla.**

Imma jiena msejken u batut:
terfagħni, o Alla, is-salvazzjoni tiegħek.
Infaħħar b'għanja isem il-Mulej,
u nkabbru f'radd il-ħajr.

**R/. Qalbkom tgħix, intom li tfittxu lil Alla.**

Jaraw hekk l-imsejkna u jifirħu;
u qalbkom tgħix, intom li tfittxu lil Alla.
Għax jisma' l-fqajrin il-Mulej,
u ma jistmellx l-imjassrin tiegħu.

**R/. Qalbkom tgħix, intom li tfittxu lil Alla.**

Għax Alla jsalva 'l Sijon,
u jibni l-bliet ta' Ġuda.
Jgħammru hemm u jagħmluha tagħhom.
ulied il-qaddejja tiegħu jirtuha,

u dawk li jħobbu 'l ismu jgħammru fiha.

**R/. Qalbkom tgħix, intom li tfittxu lil Alla.**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Kolossin**
**Kol 1, 15-20**

Ħuti: Kristu hu x-xbieha ta' Alla li ma jidhirx, il-kbir fost il-ħlejjaq kollha; għax fih kien maħluq kollox, fis-sema u fl-art, dak kollu li jidher u dak kollu li ma jidhirx, troni u ħakmiet, prinċipati u setgħat. Kollox bih u għalih kien maħluq, hu qabel kollox u kollox fih qiegħed iżomm. Hu r-Ras tal-Ġisem, li hu l-Knisja; hu l-bidu, il-kbir li qam mill-imwiet, sabiex ikun hu l-ewwel f'kollox. Fih għoġobha tgħammar il-milja kollha tad-divinita', bih Alla għoġbu jerġa' jħabbeb kollox miegħu, u bid-demm tiegħu, imxerred fuq is-salib, ġieb is-sliem permezz tiegħu fis-sema u fl-art.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah. Hallelujah.**
Ilqgħu l-kelma ta' Alla,
mhux bħala kelma ta' bniedem,
imma bħala kelma ta' Alla, kif tassew hi.
**Hallelujah.**

**✠L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa**
**Lq 10, 25-37**

F'dak iż-żmien: Iqum wieħed għaref tal-liġi u, biex iġarrab lil Ġesu', qallu: "Mgħallem, x'nagħmel biex ikolli b'xortija l-ħajja ta' dejjem?'' Qallu Ġesu': "Fil-Liġi x'hemm miktub? Kif tafha?'' Dak wieġeb u qal: "Int għandek tħobb il-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha, bil-qawwa tiegħek kollha, u b'moħħok kollu, u lil għajrek bħalek innifsek,'' "Sewwa weġibt,'' qallu Ġesu'; "għamel hekk u tgħix.''
Iżda dak, biex joħroġ ta' raġel, qallu: "U l-proxxmu tiegħi min hu?'' U Ġesu' reġa' qabad igħidlu: "Wieħed raġel kien nieżel Ġeriko minn Ġerusalem, u waqa' f'nofs il-ħallelin, li neżżgħuh, biċċruh bis-swat, u telqu, u ħallewh nofsu mejjet. Inzerta kien nieżel qassis minn dik it-triq u rah, għadda minn mal-ġenb u baqa'sejjer.
Hekk ukoll wieħed levita, meta wasal hemm rah, għadda minn mal-ġenb u baqa' sejjer. Imma wieħed Samaritan fil-vjaġġ wasal ħdejh u tħassru x'ħin rah. Resaq lejh dewwielu l-ġrieħi biż-żejt u l-inbid u rabathomlu, u mbagħad tellgħu fuq il-bhima tiegħu, wasslu f'lukanda u ħa ħsiebu. Il-għada ħareġ żewġ dinieri tahom lil tal-lukanda u qallu, 'Ħu ħsiebu; jekk tonfoq xi ħaġa iżjed, irroddhielek jien meta nerġa' ngħaddi.'
Min dawn it-tlieta, int min jidhirlek li ġieb ruħu ta' proxxmu ma' dak li waqa' f'nofs il-ħallelin?'' "Min ħenn għalih,'' wieġbu dak. "Mur'' qallu Ġesu, ''u għamel hekk inti ukoll.''

**Il-Kelma tal-Mulej**
**It-Tifħir Lilek Kristu**